SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

21 ta' Diċembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija — Deċiżjoni Nru 1/80 — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 — Dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork fis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru — Kundizzjonijiet — Assenza ta' neċessità għall-ħaddiem Tork li jkun jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol matul l-ewwel tliet snin tar-residenza tal-membru tal-familja"

Fil-Kawżi Magħquda C-508/15 u C-509/15,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (qorti amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjonijiet tad-9 ta' Lulju 2015, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Settembru 2015, fil-kawżi

Sidika Ucar (C-508/15),

Recep Kilic (C-509/15)

vs

Land Berlin,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta (Relatur), President tal-Awla, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, C. G. Fernlund u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal S. Ucar, minn P. Meyer, C. Rosenkranz u M. Wilken, Rechtsanwälte,

— għal-Land Berlin, minn M. Wehner, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Martin u T. Maxian Rusche, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2016,

* * Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni, u mehmuża mal-Ftehim dwar il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, li ġie ffirmat fit-12 ta' Settembru 1963 f'Ankara mir-Repubblika tat-Turkija, minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u l-Komunità, min-naħa l-oħra, u li ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10, iktar 'il quddiem, il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn Sidika Ucar (Kawża C-508/15) u Recep Kilic (Kawża C-509/15), u l-Land Berlin (il-Land ta' Berlin, il-Ġermanja) dwar iċ-ċaħda, mill-Ausländerbehörde Berlin (dipartiment tal-barranin ta' Berlin, iktar 'il quddiem id-"dipartiment tal-barranin") tal-Landesamt für Bürger- und Ordnungsangelegenheiten (Uffiċċju tal-Land ta' Berlin għall-affarijiet dwar iċ-ċittadini u l-ordni pubbliku, il-Ġermanja) tat-talbiet rispettivi tagħhom għal estensjoni tal-permess ta' residenza tagħhom fil-Ġermanja, u, fir-rigward ta' R. Kilic, dwar id-deċiżjoni tad-dipartiment tal-barranin li barra minn hekk tordna t-tkeċċija tiegħu mit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

3 Mill-Artikolu 2(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jirriżulta li dan għandu l-għan li jippromwovi t-tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-partijiet kontraenti, billi tittieħed inkunsiderazzjoni, b'mod sħiħ, in-neċessità li jiġi żgurat l-iżvilupp mgħaġġel tal-ekonomija tat-Turkija u ż-żieda fil-livell tal-impjieg u tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-poplu Tork.

4 Għal dan il-għan, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jinvolvi fażi preparatorja, li tippermetti lir-Repubblika tat-Turkija ssaħħaħ l-ekonomija tagħha bl-għajnuna tal-Komunità (Artikolu 3), fażi tranżitorja, li matulha jiġu żgurati l-istabbiliment progressiv ta' unjoni doganali u l-approssimazzjoni tal-politiċi ekonomiċi (Artikolu 4), u fażi definittiva, li hija bbażata fuq l-unjoni doganali u timplika t-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politiċi ekonomiċi tal-partijiet kontraenti (Artikolu 5).

5 Skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li jinsab fit-Titolu II tiegħu, intitolat "Implementazzjoni tal-fażi tranżitorja":

"Il-Partijiet kontraenti jaqblu li jispiraw ruħhom mill-Artikoli [45, 46 u 47 TFUE] sabiex iwettqu b'mod gradwali l-moviment liberu tal-ħaddiema bejniethom" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-Protokoll Addizzjonali

6 Il-Protokoll Addizzjonali, li ġie ffirmat fi Brussell fit-23 ta' Novembru 1970 u konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/72, tad-19 ta' Diċembru 1972 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 41, iktar 'il quddiem il-"Protokoll Addizzjonali") jistabbilixxi, skont l-Artikolu 1 tiegħu, il-kundizzjonijiet, il-modalitajiet u r-ritmi tat-twettiq tal-fażi tranżitorja msemmija fl-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

7 Skont l-Artikolu 62 tiegħu, il-Protokoll Addizzjonali jifforma parti integrali mill-imsemmi ftehim.

8 Il-Protokoll Addizzjonali jinkludi Titolu II, intitolat "Moviment tal-persuni u tas-servizzi" [traduzzjoni mhux uffiċjali], bil-Kapitolu I tiegħu ddedikat għall-ħaddiema.

9 L-Artikolu 36 tal-Protokoll Addizzjonali, li jifforma parti minn dan il-Kapitolu I, jipprovdi li l-moviment liberu tal-ħaddiema bejn l-Istati Membri tal-Komunità u t-Turkija ser jitwettaq gradwalment, skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, bejn l-aħħar tat-tnax u tat-tnejn u għoxrin sena wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmi ftehim u li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser jiddeċiedi dwar il-modalitajiet neċessarji għal dan il-għan.

Id-Deċiżjoni Nru 1/80

10 Fid-19 ta' Settembru 1980, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni adotta d-Deċiżjoni Nru 1/80. L-Artikoli 6, 7 u 14 ta' din id-deċiżjoni jidhru taħt it-Taqsima I, li tikkonċerna l-kwistjonijiet dwar l-impjieg u l-moviment liberu tal-ħaddiema, tal-Kapitolu II tagħha, intitolat "Dispożizzjonijiet soċjali".

11 L-Artikolu 6(1) tal-imsemmija deċiżjoni huwa fformulat kif ġej:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 dwar l-aċċess liberu għall-impjieg għall-membri tal-familja tiegħu, il-ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru:

— għandu dritt, f'dan l-Istat Membru, wara sena ta' impjieg regolari, għat-tiġdid tal-permess ta' xogħol tiegħu mal-istess persuna li timpjega, jekk din ikollha impjieg x'toffri;

— għandu dritt, f'dan l-Istat Membru, wara tliet snin ta' impjieg regolari u suġġett għall-prijorità li għandha tingħata lill-ħaddiema tal-Istati Membri tal-Komunità, li jwieġeb għal offerta oħra ta' impjieg fl-istess professjoni ma' persuna oħra li timpjega tal-għażla tiegħu, magħmula taħt kundizzjonijiet normali u rreġistrata mad-dipartimenti tax-xogħol ta' dan l-Istat Membru;

— għandu jgawdi, f'dan l-Istat Membru, wara erba' snin ta' impjieg regolari, minn aċċess liberu għal kull attività bħala persuna impjegata tal-għażla tiegħu." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tal-istess deċiżjoni jipprovdi:

"Il-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru, li ġew awtorizzati sabiex jingħaqdu miegħu:

— għandhom id-dritt – suġġett għall-prijorità li għandha tingħata lill-ħaddiema tal-Istati Membri tal-Komunità – li jwieġbu għal kull offerta ta' impjieg meta huma jkunu ilhom residenti hemmhekk b'mod legali għal mill-inqas tliet snin;

— għandhom igawdu f'dan l-Istat Membru aċċess liberu għal kull attività bħala persuna impjegata tal-għażla tagħhom meta huma jkunu ilhom residenti hemmhekk b'mod legali kemm-il darba jkunu ilhom residenti hemmhekk legalment għal mill-inqas ħames snin." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

13 L-Artikolu 14(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jipprovdi:

"Id-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima għandhom jiġu applikati suġġett għal-limitazzjonijiet iġġustifikati għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà u ta' saħħa pubblika. " [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Id-dritt Ġermaniż

14 Mid-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-509/15 jirriżulta li, f'Mejju 1997, il-ħruġ ta' permess ta' residenza fit-territorju Ġermaniż u, f'April 1999, l-estensjoni ta' tali permess, kienu rregolati, minn naħa, mill-Gesetz über die Einreise und den Aufenthalt von Ausländern im Bundesgebiet (liġi dwar id-dħul fit-territorju u dwar ir-residenza tal-barranin fit-territorju federali), tad-9 ta' Lulju 1990 (BGBl. 1990 I, p. 1354, iktar 'il quddiem l-"AuslG"), fil-verżjoni tagħha tad-29 ta' Ottubru 1997 (BGBl. 1997 I, p. 2584) u, min-naħa l-oħra, mill-Verordnung zur Durchführung des Ausländergesetzes (Regolament ta' Implementazzjoni tal-AuslG).

15 Fi kliem l-Artikolu 7(2) tal-AuslG, fil-verżjoni tiegħu tad-29 ta' Ottubru 1997:

"L-awtorizzazzjoni ta' residenza bħala prinċipju għandha tiġi rrifjutata meta

[…]

2. il-barrani ma jistax jipprovdi għall-manteniment tiegħu […] permezz ta' attività professjonali tiegħu stess, permezz ta' patrimonju tiegħu stess jew permezz ta' riżorsi oħra tiegħu stess. […]"

16 Bit-Titolu "Riunifikazzjoni tal-familja tal-barranin", l-Artikolu 17 tal-AuslG, fil-verżjoni tiegħu tad-29 ta' Ottubru 1997, kienet tipprovdi:

"(1) Għall-finijiet tal-protezzjoni taż-żwieġ u tal-familja mixtieqa mill-Artikolu 6 tal-[Grundgesetz (Liġi fundamentali)], membru barrani tal-familja ta' barrani jista' jinħariġlu u jiġi estiż permess ta' residenza intiż sabiex tinħoloq u tinżamm iċ-ċellola familjari mal-barrani fit-territorju federali.

(2) Il-permess ta' residenza ma jistax jinħareġ għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ħlief jekk

1. il-barrani jinsab fil-pussess ta' permess ta' residenza jew ta' dritt ta' residenza,

2. l-ispazju ta' abitazzjoni disponibbli huwa suffiċjenti u

3. il-manteniment tal-membru tal-familja huwa żgurat minn attività professjonali tal-barrani stess, permezz ta' patrimonju tiegħu stess jew permezz ta' riżorsi oħra tiegħu stess; sabiex tiġi evitata riġidità eċċessiva, l-awtorizzazzjoni ta' residenza tista' tinħareġ jekk il-manteniment tal-familja jiġu wkol żgurat permezz ta' attività professjonali proprja tal-membru tal-familja li tirrisjedi b'mod legali fit-territorju federali jew li tali residenza hija tollerata jew permezz ta' membru tal-familja obbligat jipprovdi l-manteniment."

17 Fi kliem l-Artikolu 96(4) tal-AuslG, fil-verżjoni tagħha tad-29 ta' Ottubru 1997, iċ-ċittadini tat-Turkija li għandhom inqas minn 16-il sena, li, qabel il-15 ta' Jannar 1997 kienu eżentati mill-awtorizzazzjoni ta' residenza meħtieġa u li jirrisjedu legalment fit-territorju federali, għandha tinħarġilhom, b'deroga mill-Artikolu 17(2), punti 2 u 3, u mill-Artikolu 8(1), punti 1 u 2, awtorizzazzjoni ta' residenza konformement mal-Artikolu 17(1).

18 Skont l-Artikolu 28(4) tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-AuslG, iċ-ċittadini tat-Turkija li għandhom inqas minn 16-il sena, li huma fil-pussess ta' passaport nazzjonali jew ta' dokument li jissostitwixxi l-passaport għall-minorenni, għandha tinħarġilhom *ex officio*, sat-30 ta' Ġunju 1998, awtorizzazzjoni ta' residenza konformement mad-dispożizzjonijiet legali meta huma jkunu ġew awtorizzati jidħlu lura fit-territorju, meta jirrisjedu b'mod legali fit-territorju federali minn dak il-mument 'il quddiem, meta wieħed mill-ġenituri tagħhom huwa fil-pussess ta' mill-inqas permess ta' residenza u meta d-dikjarazzjoni obbligatorja tkun saret.

19 Mid-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-508/15 jirriżulta li l-ħruġ ta' permess ta' residenza matul ix-xahar ta' Novembru 2001 u t-talbiet għal estensjoni ta' tali permessi mressqa matul l-2002 u l-2004 kienu rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-AuslG, kif emendat bil-liġijiet tas-16 ta' Frar 2001 (BGBl. 2001 I, p. 266) u tad-9 ta' Jannar 2002 (BGBl. 2002 I, p. 361). Bit-titolu "Riunifikazzjoni tal-konjuġi", l-Artikolu 18 tal-AuslG, kif emendat, kien jipprovdi:

"(1) Il-konjuġi ta' barrani għandu jibbenefika minn permess ta' residenza fil-limiti tal-Artikolu 17 meta l-barrani

[…]

3. ikollu permess ta' residenza, iż-żwieġ seħħ qabel id-dħul tal-barrani fit-territorju u ġie ddikjarat minnu fl-ewwel talba għal permess ta' residenza […]

[…]

(2) Il-permess ta' residenza jista' jinħareġ b'deroga mill-paragrafu 1, punt 3."

20 Fl-aħħar nett, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li, f'dak li jikkonċerna t-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw l-estensjoni ta' permess ta' residenza matul is-sena 2006, l-istabbiliment ta' permess ta' residenza skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kif ukoll it-tkeċċija, kienu l-Gesetz über den Aufenthalt, die Erwerbstätigkeit und die Integration von Ausländern im Bundesgebiet (liġi dwar ir-residenza, ix-xogħol u l-integrazzjoni tal-barranin fit-territorju federali), tat-30 ta' Lulju 2004 (BGBl. 2004 I, p. 1950), kif ukoll il-verżjoni ppubblikata fil-25 ta' Frar 2008 (BGBl. 2008 I, p. 162) ta' din l-istess liġi (iktar 'il quddiem l-"AufenthG").

21 L-Artikolu 4(5) tal-AufenthG kien jipprovdi:

"Barrani li, b'applikazzjoni tal-[Ftehim ta' Assoċjazzjoni] ikollu dritt ta' residenza, huwa obbligat li juri l-eżistenza ta' dan id-dritt billi jressaq il-prova li huwa għandu permess ta' residenza jekk ma jkollu la awtorizzazzjoni ta' stabbiliment u lanqas permess ta' residenza KE permanenti. Il-permess ta' residenza jinħareġ fuq talba."

22 Bit-titolu "Kundizzjonijiet ġenerali għall-ħruġ", l-Artikolu 5 tal-AufenthG kien ifformulat kif ġej:

"(1) Il-ħruġ ta' permess ta' residenza bħala regola ġenerali jeħtieġ li

1. il-mezzi ta' sussistenza jkunu żgurati

[…]"

23 L-Artikolu 8 tal-AufenthG, intitolat “Estensjoni tal-permess ta’ residenza” kien jipprevedi:

“(1) L-estensjoni tal-permess ta’ residenza ssegwi l-istess regoli bħal tal-ħruġ.

[…]”

24 Skont l-Artikolu 11(1) tal-AufenthG:

“Ċittadin barrani li kien suġġett għal miżura ta’ tkeċċija, ta’ refoulement jew ta’ akkumpanjament lejn il-fruntiera li jibqagħlux id-dritt li jidħol fit-territorju federali u li jirrisjedi hemmhekk. Ebda permess ta’ residenza ma għandu jinħariġlu, anki meta l-kundizzjonijiet meħtieġa minn din il-liġi għal dan l-għan ikunu ssodisfatti […]”

25 L-Artikolu 27 tal-AufenthG, li jikkonċerna l-prinċipju ta’ riunifikazzjoni tal-familja, kien jipprevedi:

“(1) Il-permess ta’ residenza intiż li joħloq u jippreżerva ċ-ċellola tal-familja fit-territorju federali għandu jinħareġ u jiġi estiż għall-benefiċċju tal-membri tal-familja barranin (riunifikazzjoni tal-familja) sabiex jiġu protetti ż-żwieġ u l-familja konformement mal-Artikolu 6 tal-[Grundgesetz (Liġi fundamentali)].

[…]”

26 Bit-titolu “Riunifikazzjoni tal-konjuġi”, l-Artikolu 30 tal-AufenthG kien jipprovdi:

“(1) Il-konjuġi ta’ barrani għandu jibbenefika minn permess ta’ residenza meta l-barrani

1. ikollu awtorizzazzjoni ta’ stabbiliment.

[…]”

27 L-Artikolu 53 tal-AufenthG:

“Barrani għandu jkun suġġett għal miżura ta’ tkeċċija meta:

1. ikun ġie kkundannat għal reat jew iktar imwettaq intenzjonalment taħt piena li ċċaħħad il-libertà jew piena għal att kriminali minn minuri ta’ mill-inqas tliet snin li tkun saret *res judicata* jew li, matul perijodu ta’ ħames snin, ikun ġie kkundannat għal reati mwettqa intenzjonalment għal pieni li jċaħħdu l-libertà jew għal pieni għal atti kriminali minn minuri li jkunu saru *res judicata* b’total ta’ mill-inqas tliet snin jew tkun ġiet ordnata detenzjoni preventiva mal-aħħar kundanna definittiva tiegħu.

2. ikun ġie kkundannat għal reat imwettaq intenzjonalment kontra l-liġi dwar id-droga […] għal piena għal atti kriminali minn minuri ta’ mhux inqas minn sentejn jew għal piena li ċċaħħad il-libertà li saret *res judicata* mingħajr benefiċċju ta’ sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena […]”

28 Skont l-Artikolu 55 tal-AufenthG:

“(1) Barrani jista’ jitkeċċa meta r-residenza tiegħu tippreġudika l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika jew interessi oħra prevalenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

(2) Barrani jista’ jitkeċċa skont il-paragrafu 1 b’mod partikolari meta

[…]

2. ikun wettaq ksur ta' liġijiet, ta' deċiżjonijiet jew ta' miżuri ta' ġustizzja jew amministrattivi, li ma jkunx fatt iżolat jew minuri […]"

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

Il-Kawża C-508/15

29 S. Ucar hija ċittadina Torka li, matul l-1977, iżżewġet lil Ö. Ucar, li huwa wkoll ċittadin Tork. Il-konjuġi kienu jgħixu t-Turkija. Bejn l-1978 u l-1986, minn din l-unjoni twieldu erba' ulied. Iż-żwieġ ġie xolt matul l-1991.

30 Fl-istess sena, Ö. Ucar iżżewweġ ċittadina Ġermaniża li magħha għex il-Ġermanja sa minn dak iż-żmien. Matul l-1996, inħariġlu permess ta' residenza għal żmien illimitat mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru. Iż-żwieġ ġie xolt fl-1999.

31 F'Settembru 2000, S. Ucar iżżewġet mill-ġdid lill-ex raġel tagħha, Ö. Ucar. F'Novembru 2001, S. Ucar, akkumpanjata mill-aħħar wild komuni tal-koppja, daħlet fit-territorju Ġermaniż b'viża mogħtija għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja ma' żewġha. Fis-27 ta' Novembru 2001, id-dipartiment tal-barranin ħarġilha permess ta' residenza ta' konjuġi li kien jiskadi fis-26 ta' Novembru 2002. Dak iż-żmien, Ö. Ucar kien jaħdem bħala furnar impjegat sa minn Mejju 2000. Ö. Ucar temm ir-relazzjoni tax-xogħol tiegħu fi tmiem l-2001 u beda attività għal rasu fil-bidu tal-2002.

32 Fil-kuntest tal-proċedura intiża għall-estensjoni tal-permess ta' residenza tagħha, S. Ucar għamlet riferiment għad-dħul li żewġha kien jikseb minn din l-attività professjonali sabiex tistabbilixxi li l-mezzi ta' sussistenza tagħha kienu żgurati. Għaldaqstant, il-permess ta' residenza tagħha l-ewwel ġie estiż fit-28 ta' Novembru 2002 għal sentejn, imbagħad darba oħra, fid-29 ta' Novembru 2004, sat-28 ta' Novembru 2006, dejjem fid-dawl tal-prova ta' dħul miksub mill-attività professjonali ta' żewġha. F'Ottubru 2005, Ö. Ucar temm l-attività tiegħu bħala persuna li taħdem għal rasha u, sussegwentement, ħadem mill-ġdid bħala furnar impjegat, u eżerċita din l-attività b'mod mhux interrott matul il-perijodu mill-1 ta' Novembru 2005 sa Diċembru 2011.

33 Fil-21 ta' Novembru 2006, id-dipartiment tal-barranin ħareġ permess ta' residenza lil S. Ucar għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja fejn kien isemmi li żewġha kien għal darba oħra qiegħed jeżerċita attività bħala persuna impjegata sa minn Novembru 2005. Dan il-permess ta' residenza ġie sussegwentement imġedded għal diversi drabi, bl-aħħar darba jkun estiż sat-12 ta' Diċembru 2013.

34 Fis-16 ta' Awwissu 2013, S. Ucar talbet il-ħruġ ta' permess ta' residenza abbażi ta' dritt ta' residenza skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, konformement mal-Artikolu 4(5) tal-AufenthG. Insostenn tat-talba tagħha, hija sostniet li hija kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 b'teħid inkunsiderazzjoni tal-attività bħala persuna impjegata, eżerċitata minn żewġha b'mod mhux interrott sa minn Novembru 2005.

35 Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2014, id-dipartiment tal-barranin irrifjuta li jestendi għal darba oħra l-permess ta' residenza ta' konjuġi li minnu kienet tibbenefika S. Ucar, għar-raġuni li l-mezzi ta' sussistenza tagħha ma kinux żgurati. Barra minn hekk, billi qies li hija ma kinitx kisbet id-dritt ta' residenza skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, id-dipartiment tal-barranin lanqas ma ta l-permess ta' residenza lil S. Ucar abbażi tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 4(5) tal-AufenthG u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

36 Fil-fatt, skont id-dipartiment tal-barranin, għall-finijiet tal-kisba ta' dritt ta' residenza abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, huwa neċessarju, minn naħa, li l-membru tal-familja li jiftaħ id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja jkun diġà jagħmel parti mis-suq regolari lokali tax-xogħol fid-data li

fiha jinħareġ l-ewwel permess ta' residenza għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja, u, min-naħa l-oħra, li l-kwalità ta' ħaddiem impjegat tal-persuna li magħha jingħaqdu l-membri l-oħra tal-familja tiftaħ id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja tinżamm matul it-tliet snin mill-ħruġ tal-imsemmi permess. Għaldaqstant, għal dan l-għan, ma huwiex biżżejjed li l-persuna li magħha jingħaqdu l-membri l-oħra tal-familja sussegwentement tikseb il-kwalità ta' ħaddiem impjegat u żżomm din il-kwalità għal tliet snin. Fl-aħħar nett, id-dipartiment tal-barranin qies li estensjoni tal-permess ta' residenza ma tistax titqies li tikkostitwixxi awtorizzazzjoni li persuna tingħaqad mal-ħaddiem, sanċita fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, peress li, mad-dħul tagħha fit-territorju Ġermaniż matul l-2001, S. Ucar kienet diġà ġiet awtorizzata tingħaqad ma' żewġha fil-kwalità tiegħu ta' ħaddiem Tork.

37 S. Ucar ressqet azzjoni kontra d-deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2014 tad-dipartiment tal-barranin quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Verwaltungsgericht Berlin (qorti amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja).

38 Fil-kuntest tal-imsemmija azzjoni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-portata tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgericht Berlin (qorti amministrattiva ta' Berlin) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-ewwel inċiż tal-[ewwel paragrafu tal-Artikolu 7] tad-Deċiżjoni Nru 1/80, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni huma ssodisfatti wkoll jekk, qabel il-perijodu li fih il-membru tal-familja jkun irrisjeda tliet snin b'mod legali għand il-ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol, kien hemm perijodu li fih il-ħaddiem oriġinarjament ammess kien telaq is-suq regolari tax-xogħol tal-Istat Membru wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-membru tal-familja li jingħaqad miegħu taħt din id-dispożizzjoni?

2) L-ewwel [paragrafu tal-Artikolu 7] tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-estensjoni ta' permess ta' residenza għandha titqies li tikkostitwixxi l-awtorizzazzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni li persuna tingħaqad ma' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol meta l-membru tal-familja kkonċernat ikun ilu jgħix mal-ħaddiem Tork mingħajr interruzzjoni minn meta jkun ġie awtorizzat jingħaqad mal-imsemmi ħaddiem Tork fis-sens ta' din id-dispożizzjoni iżda meta dan tal-aħħar, wara li jkun telaq is-suq regolari tax-xogħol tal-Istat Membru fil-frattemp, ikun jagħmel parti minnu mill-ġdid biss mid-data tal-estensjoni tal-permess?"

Il-Kawża C-509/15

40 R. Kilic huwa ċittadin Tork imwieled fil-11 ta' Novembru 1993 fit-Turkija, waqt vaganzi tal-ġenituri tiegħu, ċittadini Torok li dak iż-żmien kienu diġà jgħixu l-Ġermanja. Huwa daħal fit-territorju Ġermaniż fis-16 ta' April 1994. F'dik id-data, missieru kien ilu qiegħed iktar minn sena. Ommu, li rabbietu waħedha wara s-separazzjoni tal-konjuġi, jiġifieri minn Mejju 1996 sa meta kellu 14-il sena, ma kinitx tagħmel parti mis-suq tax-xogħol. Wara li f'Jannar 1997 ġie stabbilit il-permess ta' residenza obbligatorju għaċ-ċittadini Torok kollha ta' inqas minn 16-il sena, fil-5 ta' Mejju 1997, R. Kilic inħariġlu permess ta' residenza validu sal-5 ta' Mejju 1999. Fit-30 ta' Ġunju 1998, ommu bdiet attività bħala persuna impjegata li hija eżerċitat prattikament mingħajr interruzzjoni sax-xahar ta' April 2003, li hija d-data tal-bidu tal-leave tal-maternità u ta' leave parentali ta' diversi snin.

41 Fit-23 ta' April 1999, id-dipartiment tal-barranin estenda l-permess ta' residenza ta' R. Kilic b'sena. Għandu jiġi rrilevat li f'din l-okkażjoni ġiet ippreżentata attestazzjoni tal-persuna li timpjega lil ommu. L-awtoritajiet Ġermaniżi madankollu indikaw li din kienet qiegħda tibbenefika minn għajnuna soċjali, fatt li, dak iż-żmien, ġuridikament ma kienx ixekkel milli l-permess ta' residenza ta' R. Kilic jiġi estiż.

Dan il-permess ta' residenza ġie sussegwentement imġedded għal diversi drabi, għal żmien determinat, bl-aħħar darba jkun estiż sal-10 ta' Novembru 2011. Sa minn dakinhar, R. Kilic kellu fil-pussess tiegħu attestazzjonijiet provviżorji.

42 R. Kilic deher diversi drabi quddiem qorti kriminali. L-aħħar darba li dan seħħ huwa ġie kkundannat permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 tal-Amtsgericht Tiergarten (qorti distrettwali ta' Tiergarten, il-Ġermanja) għal piena li ċċaħħad il-libertà ta' tliet snin u tliet xhur, għal atti kriminali minn minuri u traffikar ta' drogi fi grupp organizzat. Din id-deċiżjoni tkopri wkoll numru kbir ta' kundanni preċedenti, b'mod partikolari offiżi fiżiċi gravi fuq il-persuna, theddid, estorsjoni fi grupp organizzat, insegwiment bil-moħbi (stalking) u degradazzjoni.

43 Qabel dawn il-perijodi ta' detenzjoni, il-karriera skolastika ta' R. Kilic kienet kaotika, iżda mandankollu, fis-17 ta' Ġunju 2011, matul id-detenzjoni tiegħu, huwa kiseb ċertifikat ġenerali ta' tagħlim skolastiku superjuri.

44 Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Lulju 2014, id-dipartiment tal-barranin minn naħa ċaħad it-talba għal estensjoni tal-permess ta' residenza ta' R. Kilic, u, min-naħa l-oħra, abbażi tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 53(1) u (2) u tal-Artikolu 55 tal-AufenthG, ordna t-tkeċċija tiegħu mit-territorju Ġermaniż.

45 Skont id-dipartiment tal-barranin, R. Kilic ma kienx jibbenefika minn protezzjoni ta' residenza skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Fil-fatt, huwa allegatament ma kien kiseb ebda dritt skont l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, peress li l-ġenituri tiegħu ma kinux jagħmlu parti mis-suq regolari tax-xogħol matul it-tliet snin mid-dħul ta' R. Kilic fit-territorju Ġermaniż.

46 Barra minn hekk, billi qies, minn naħa, fid-dawl tal-ksur gravi u numeruż imwettaq mill-persuna kkonċernata, li wieħed seta' jistenna li fil-futur dan se jwettaq atti kundannabbli, u, min-naħa l-oħra, li huwa kien ta' periklu sinjifikattiv għall-interessi prevalenti tas-soċjetà, id-dipartiment tal-barranin iddeċieda li raġunijiet serji ta' sigurtà u ta' ordni pubbliku kienu jwasslu sabiex tiġi deċiża t-tkeċċija ta' R. Kilic. Fil-fatt, skont dan id-dipartiment, l-ibbilanċjar tal-kwistjonijiet, kemm fil-fatt u anki fid-dritt, kienu jiġġustifikaw tali miżura peress li l-interess pubbliku li din tal-aħħar isservi kien jaqbeż b'mod sostanzjali l-interess personali ta' R. Kilic sabiex iżomm ir-rabtiet personali fraġli li huwa kellu mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u li jkompli bir-residenza tiegħu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

47 Fl-1 ta' Settembru 2014, R. Kilic, li nħeles fis-27 ta' Mejju 2015, ressaq kawża kontra d-deċiżjoni tad-dipartiment tal-barranin tal-24 ta' Lulju 2014 quddiem il-qorti tar-rinviju, billi sostna li huwa kien kiseb dritt ta' residenza skont l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, peress li ommu kienet tagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol għal iktar minn tliet snin sa mit-30 ta' Ġunju 1998. Għaldaqstant, skont R. Kilic, il-protezzjoni li jibbenefika minnha kontra t-tkeċċija taħt l-Artikolu 14 ta' din id-deċiżjoni ma kinitx ittieħdet inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti waqt l-ibbilanċjar tal-interessi preżenti.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgericht Berlin (qorti amministrattiva ta' Berlin) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Jista' wieħed jara awtorizzazzjoni għar-riunifikazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 […], f'estensjoni tal-permess ta' residenza tal-membru tal-familja awtorizzat jingħaqad mal-persuna oriġinarjament ammessa li ma kinitx tagħmel parti mis-suq tax-xogħol, li sseħħ f'mument li fih il-persuna oriġinarjament ammessa, li għandha l-membru tal-familja għandu r-residenza regolari tiegħu, saret ħaddiem?"

49 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Ottubru 2015, il-Kawżi C-508/15 u C-509/15 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

50 Il-kawżi magħquda preżenti jikkonċernaw żewġ ċittadini Torok, S. Ucar u R. Kilic, li, fil-kwalità tagħhom ta' membri tal-familja, jiġifieri l-konjuġi u l-iben rispettivament, ta' ċittadin daqstantieħor Tork li jirrisjedi legalment fil-Ġermanja, daħlu f'dan l-Istat Membru fejn huma rrisjedew b'mod regolari għal perijodu ta' iktar minn għaxar snin, u li ġiet irrifjutata l-estensjoni tal-permess ta' residenza tagħhom mill-awtoritajiet Ġermaniżi.

51 Preliminarjament għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi l-kawża li jkollha quddiemha u li, minn din il-perspettiva, huwa obbligu, jekk ikun il-każ, tal-Qorti tal-Ġustizzja li tifformula mill-ġdid id-domanda li ġiet issottomessa lilha (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, C-157/10, EU:C:2011:813, punt 18).

52 F'dan il-każ, fid-dawl taċ-ċirkustanzi fattwali prevalenti fiż-żewġ kawżi prinċipali, jidher li l-ewwel domanda preliminari magħmula fil-kuntest tal-Kawża C-508/15 hija wkoll rilevanti għall-Kawża C-509/15, b'tali mod li, sabiex il-qorti tar-rinviju tingħata risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi din l-aħħar tilwima li hija adita biha, għandha tiġi eżaminata l-ewwel domanda magħmula fil-kuntest tal-Kawża C-508/15 fid-dawl taċ-ċirkustanzi fattwali prevalenti fiż-żewġ kawżi prinċipali.

Fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-508/15

53 Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-508/15, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandux jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tagħti dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti lill-membru tal-familja ta' ħaddiem Tork, li ġie awtorizzat jidħol f'dan l-Istat Membru, għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja, u li, sa mid-data tad-dħul tiegħu fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru, għex ma' dan il-ħaddiem Tork, meta l-perijodu ta' tliet snin li matulu dan tal-aħħar kien jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ma bediex immedjatament mal-wasla tal-membru tal-familja kkonċernat fl-Istat Membru ospitanti, iżda warajha.

54 Preliminarjament għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jiddedikaw, fi kliem ċar, preċiż u mhux kondizzjonat, id-dritt għall-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru, li ġew awtorizzati jingħaqdu miegħu, li, suġġett għall-prijorità li għandha tingħata lill-ħaddiema tal-Istati Membri, jaċċettaw kull offerta ta' impjieg wara li jkunu rrisjedew hemmhekk legalment għal mill-inqas tliet snin (l-ewwel inċiż), kif ukoll dak li jaċċedu b'mod liberu għal kull attività bħala persuna impjegata tal-għażla tagħhom fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huma rrisjedew legalment għal mill-inqas ħames snin (it-tieni inċiż) (sentenza tas-17 ta' April 1997, Kadiman, C-351/95, EU:C:1997:205, punt 27).

55 Għaldaqstant, skont din id-dispożizzjoni, il-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork jibbenefikaw, bla ħsara għall-osservanza tal-kundizzjonijiet elenkati fiha, minn dritt proprju ta' aċċess għas-suq tax-xogħol fl-Istat membru ospitanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li d-drittijiet mogħtija mill-ewwel paragrafu tal-imsemmi Artikolu 7 lill-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork fil-livell tax-xogħol fl-Istat Membru kkonċernat jimplikaw neċessarjament, l-eżistenza ta' dritt korrelattiv ta' residenza għall-persuna kkonċernata u, fin-nuqqas tiegħu, jitneħħa kull effett mid-dritt ta' aċċess għas-suq tax-xogħol u dak li effettivament tiġi eżerċitata attività bħala persuna impjegata (sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Dülger, C-451/11, EU:C:2012:504, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-kisba tad-drittijiet previsti minnha hija suġġetta għal tliet kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri li persuna kkonċernata għandha tkun membru tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti, li l-imsemmija persuna għandha tkun ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat sabiex tingħaqad mal-imsemmi ħaddiem, u li hija għandha tkun ilha legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti għal mill-inqas tlieta jew ħames snin (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Dülger, C-451/11, EU:C:2012:504, punt 29).

57 Fir-rigward, qabelxejn, tal-kundizzjoni dwar l-appartenenza tal-ħaddiem Tork għas-suq regolari tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din il-kundizzjoni tintrabat mal-kunċett ta' "appartenenza għas-suq regolari tax-xogħol", li l-portata tiegħu hija identika għal dik li dan il-kunċett għandu fil-kuntest tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, jiġifieri li jindika l-ħaddiema kollha li kkonformaw ruħhom mar-rekwiżiti legali u regolamentari tal-Istat Membru ospitanti u li għaldaqstant għandhom id-dritt jeżerċitaw attività professjonali fit-territorju tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun, C-337/07, EU:C:2008:744, punti 22, 23 u 28).

58 F'dak li jikkonċerna, sussegwentement, il-kundizzjoni li timponi li l-membru tal-familja kkonċernat ikun ġie awtorizzat jingħaqad mal-ħaddiem Tork, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din il-kundizzjoni hija intiża li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 il-membri tal-familja tal-ħaddiem Tork li daħlu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti u li jirrisjedu hemmhekk bi ksur tal-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2004, Cetinkaya, C-467/02, EU:C:2004:708, punt 23).

59 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni tapplika għas-sitwazzjoni ta' ċittadin Tork li, bħala membru tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti jew li kien jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti, jew ġie awtorizzat li jingħaqad mal-imsemmi ħaddiem f'dak il-pajjiż għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja, jew twieled u rrisjeda dejjem f'dak l-Istat (sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Derin, C-325/05, EU:C:2007:442, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kundizzjoni ta' residenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jobbliga lill-membru tal-familja ta' ħaddiem Tork li jirrisjedi miegħu, mingħajr interruzzjoni, matul perijodu ta' mill-inqas tliet snin (sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun, C-337/07, EU:C:2008:744, punt 30).

61 Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din id-dispożizzjoni titlob li r-riunifikazzjoni tal-familja, li ġġustifikat id-dħul tal-membru tal-familja fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, timmanifesta ruħha bil-fatt li matul ċertu perijodu jkun hemm koabitazzjoni effettiva f'komunità domestika mal-ħaddiem, u li dan għandu jkun il-każ sakemm il-persuna kkonċernata ma tissodisfax, hija nfisha, il-kundizzjonijiet sabiex ikollha aċċess għas-suq tax-xogħol f'dan l-Istat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2000, Ergat, C-329/97, EU:C:2000:133, punt 36).

62 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għall-finijiet tal-kisba, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, tad-dritt tal-aċċess għas-suq tax-xogħol fl-Istat Membru ospitanti mill-membru tal-familja ta' ħaddiem Tork, il-kundizzjoni li dan tal-aħħar jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol għandha tkun ġiet issodisfatta matul, mill-inqas, il-perijodu ta' tliet snin ta' residenza komuni (sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun, C-337/07, EU:C:2008:744, punt 37).

63 F'dan il-każ huwa paċifiku li kemm S. Ucar kif ukoll R. Kilic ġew awtorizzati jingħaqdu mal-membri tal-familja rispettivi tagħhom, li huma kollha ċittadini Torok, fl-Istat Membru ospitanti u li huma dejjem għexu ma' żewġha u ma' ommu rispettivament.

64 Huwa wkoll paċifiku li r-raġel ta' S. Ucar u omm R. Kilic eżerċitaw l-attività bħala persuna impjegata b'mod mhux interrott għal tliet snin, fatt dan li jagħti lill-membri tal-familja tagħhom id-drittijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, mhux immedjatament mal-wasla tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, iżda wara.

65 Għaldaqstant għandu jiġi ppreċiżat jekk, għall-finijiet tal-kisba ta' dritt ta' residenza skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, il-kundizzjoni ta' appartenenza tal-ħaddiem Tork ta' referenza għas-suq regolari tax-xogħol għandhiex neċessarjament tiġi ssodisfatta kemm fid-data stess tal-wasla tal-membru tal-familja kkonċernata fl-Istat Membru ospitanti kif ukoll fit-tliet snin jew fil-ħames snin li jsegwu immedjatament din id-data, hekk kif qies id-dipartiment tal-barranin u hekk kif isostni l-Gvern Ġermaniż.

66 Għandu jiġi enfasizzat, fl-ewwel lok, li tali kundizzjoni ma hijiex prevista b'mod espress fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

67 Fit-tieni lok, għandha ssir interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 fir-rigward tal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni u fid-dawl tas-sistema li hija tistabbilixxi.

68 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li s-sistema ta' kisba progressiva tad-drittijiet prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandha għan doppju. Inizjalment, qabel l-iskadenza tal-perijodu inizjali ta' tliet snin, din id-dispożizzjoni hija mmirata li tippermetti l-preżenza tal-membri tal-familja tal-ħaddiem migrant flimkien ma' dan tal-aħħar, bil-għan li tippromwovi għaldaqstant, permezz tar-riunifikazzjoni tal-familja, ix-xogħol u r-residenza tal-ħaddiem Tork li huwa diġà legalment integrat fl-Istat Membru ospitanti. L-istess dispożizzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ, fi stadju sussegwenti, id-dħul sostenibbli tal-familja tal-ħaddiem migrant Tork fl-Istat Membru ospitanti, billi wara tliet snin ta' residenza legali fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, il-membru tal-familja kkonċernat jingħata l-possibbiltà li huwa stess ikun jista' jaċċedi għas-suq tax-xogħol. L-għan essenzjali hekk imfittex huwa li tiġi kkonsolidata l-pożizzjoni tal-imsemmi membru tal-familja li, f'dan l-istadju, ikun diġà integrat legalment fl-Istat Membru ospitanti, billi jingħata l-mezzi sabiex jaqla' l-għajxien tiegħu stess fl-Istat inkwistjoni u, b'dan il-mod, ikun awtonomu mill-ħaddiem migrant (sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Dülger, C-451/11, EU:C:2012:504, punti 38 sa 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Fir-rigward, barra minn hekk, tal-għan ġenerali mfittex mid-Deċiżjoni Nru 1/80, li jikkonsisti li fil-qasam soċjali tittejjeb is-sistema li jibbenefikaw minnha l-ħaddiema Torok u l-membri tal-familja tagħhom sabiex progressivament jitwettaq il-moviment liberu, is-sistema stabbilita b'mod iktar partikolari mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tal-istess deċiżjoni hija għaldaqstant intiża li toħloq kundizzjonijiet favorevoli għar-riunifikazzjoni tal-familja fl-Istat Membru ospitanti (sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Kahveci, C-7/10 u C-9/10, EU:C:2012:180, punt 34).

70 Issa, interpretazzjoni tal-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, bħal dik proposta mill-Gvern Ġermaniż, li tgħid li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mis-sempliċi fatt li l-perijodu ta' tliet snin li matulu l-ħaddiem Tork ta' referenza eżerċita attività bħala persuna impjegata b'mod mhux interrott ma bediex immedjatament mid-data tar-riunifikazzjoni tal-familja, ċittadin Tork, bħal S. Ucar jew R. Kilic, ma jistax jipprevalixxi ruħu mid-drittijiet li din id-dispożizzjoni tagħti, hija eċċessivament restrittiva fir-rigward tal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni.

71 Barra minn hekk għandu jiġi rrilevat li l-membri tal-familja kkonċernati li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, allegatament fl-ebda każ ma għandhom id-dritt li jaċċedu għas-suq tax-xogħol fl-Istat Membru ospitanti, b'mod li huma ma jkunux jistgħu jikkonsolidaw il-pożizzjoni tagħhom f'dan l-Istat Membru, u dan anki meta huma jkunu residenti hemmhekk legalment għal numru kbir ta' snin, u bħala prinċipju huma integraw ruħhom hemmhekk b'mod tajjeb, u huma għexu maċ-ċittadin Tork sa mid-data tal-wasla tagħhom

fl-Istat Membru ospitanti, u dan waqt perijodu li matulu dan iċ-ċittadin eżerċita attività bħala persuna impjegata b'mod mhux interrott għal mill-inqas tliet jew ħames snin, u dan ma huwiex konformi mal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

72 Madankollu, xejn fil-formulazzjoni ta' din l-aħħar dispożizzjoni u lanqas, b'mod ġenerali, fid-Deċiżjoni Nru 1/80 ma jippermetti li wieħed jikkunsidra li l-intenzjoni tal-awturi ta' din tal-aħħar kienet li teskludi lill-membri tal-familja ta' kategorija daqstant kbira ta' ħaddiema Torok mid-drittijiet previsti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 ta' din id-deċiżjoni.

73 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżerċizzju tad-drittijiet li ċ-ċittadini Torok għandhom skont id-Deċiżjoni Nru 1/80 ma huwa suġġett għal ebda kundizzjoni marbuta mar-raġuni li għaliha jkun inizjalment ingħatalhom id-dritt ta' dħul u ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti (sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun, C-337/07, EU:C:2008:744, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

74 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tikkonċerna ċ-ċittadini Torok li għandhom il-kwalità ta' ħaddiema fl-Istat Membru ospitanti mingħajr madankollu ma jirrikjedi li huma jkunu daħlu fl-Unjoni bħala ħaddiema, b'tali mod li huma jistgħu jkunu kisbu din il-kwalità wara d-dħul tagħhom fiha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2008, Payir *et*, C-294/06, EU:C:2008:36, punt 38).

75 F'dawn iċ-ċirkustanzi għandu jitqies li, għall-finijiet tal-kisba ta' dritt ta' residenza skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, minn membru tal-familja tal-ħaddiem Tork ta' referenza, il-kundizzjoni ta' appartenenza ta' dan l-aħħar ħaddiem għas-suq regolari tax-xogħol ma għandhiex neċessarjament tiġi ssodisfatta fid-data stess tal-wasla tal-membru tal-familja kkonċernat fl-Istat Membru ospitanti u matul it-tliet snin jew il-ħames snin li jsegwu immedjatament din id-data.

76 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-508/15 għandha tkun li l-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tagħti dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti lill-membru tal-familja ta' ħaddiem Tork, li ġie awtorizzat jidħol f'dan l-Istat Membru, għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja, u li, sa mid-data tad-dħul tiegħu fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru, għex ma' dan il-ħaddiem Tork, anki jekk il-perijodu ta' mill-inqas tliet snin li matulu dan tal-aħħar kien jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ma bediex immedjatament mal-wasla tal-membru tal-familja kkonċernat fl-Istat Membru ospitanti, iżda warajha.

Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-508/15 u fuq id-domanda fil-Kawża C-509/15

77 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda fil-Kawża C-508/15, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda f'din il-kawża u lanqas għad-domanda fil-Kawża C-509/15.

Fuq l-ispejjeż

78 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tagħti dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti lill-membru tal-familja ta' ħaddiem Tork, li ġie awtorizzat jidħol f'dan l-Istat Membru, għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja, u li, sa mid-data tad-dħul tiegħu fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru, għex ma' dan il-ħaddiem Tork, anki jekk il-perijodu ta' mill-inqas tliet snin li matulu dan tal-aħħar kien jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ma bediex immedjatament mal-wasla tal-membru tal-familja kkonċernat fl-Istat Membru ospitanti, iżda warajha.

Firem